**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 13 ta' Lulju 2023**

**Rikors Nru. 605/2022 GM**

**Marcel Borg (KI 290186M) u**

**Janice Borg Preca (KI 2191M)**

**vs**

**David Sammut (KI 246384M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Marcel Borg u Janice Borg Preca li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

> 1. L-attur inkarigaw lill-konvenut jaħdmilhom xogħol ta' mastrudaxxa fid-dar tagħhom li ġġib in-numru tnax (12) bl-isem KOA u tinsab fi Triq San Ġużepp Ħaż-Żabbar;
>
> 2. Dan ix-xogħol kien konsistenti f'erbatax (14)-il tieqa, tliet (3) loġġijiet, bieb ta' barra, żewġ (2) bibien tal-gallerija, kċina u bedroorn li minnhom diġa' ġie kkonsenjat xi xogħol in parti liema xogħol ma huwiex skont is-sengħa u l-arti oltre l-fatt illi xorta waħda l-ordni ma nħadmitx kollha.

3. Kif jirriżulta miċ-ċertifikat peritali hawn anness markat Dok MB, ix-xogħol ma ġiex esegwit skont is-sengħa u l-arti;

4. Minħabba l-fatt illi l-konvenut għamel xogħol mhux skont is-sengħa u 1-arti fil-proprjeta’ tal-atturi sal-lum l-atturi soffrew danni fl-ammont tas-somma ta' għoxrin elf u tmien mija u ħamsin ewro (€20,850) u dana skont ir-rapport tal-perit Rene` Fava kopja hawn annessa u mmarkat “Dokument MB 1”.

5. L-esponenti pruvaw l-ewwel jibagħtu ittra bonarja, u sussegwentment bagħtu wkoll ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u kien biss wara li ntavolaw sekwestru kawtelatorju illi l-konvenut intavola kontromandat, mingħajr ma lanqas biss prova jinnegozja mal-atturi triq ‘il quddiem, iżda għażel ili jibda’ inadempjament;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikajra xolt l-appalt mogħti mill-atturi lill-konvenut għal xogħol ta' mastrudaxxa fid-dar tagħhom, billi x-xogħol ma ġiex esegwit skont is-sengħa u l-arti;

2. Tordna lill-konvenut sabiex f’terminu qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss jieħu lura a spejjeż tiegħu x-xogħol ġja kansenjat lill-atturi u dana taħt is-superviżjoni ta' perit arkitett maħtur minn din l-Onorabbli Qorti a spejjeż tal-konvenut;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu dan a spejjeż tal-konvenut;

4. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi, minħabba l-inadempjenza tiegħu;

5. Tillikwida l-istess danni okkorrendo bl-opera ta’ periti niminandi, u tikkundanna lill-konvenut iħallsu d-danni hekk likwidati;

6. Tordna lill-konvenut iħallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata rappreżentanti d-danni sofferti mill-atturi;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta’ David Sammut li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. Din ir-risposta qiegħda tipi intavolata in segwitu tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti in segwitu tar-Rikors Ġuramentat datat nhar il-11 ta’ Lulju, 2022;

2. L-esponent qiegħed jikkontesta l-fatti hekk kif eċepiti fir-rikors promotur u dana anke għar-raġunijiet li ser jirriżultaw waqt is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, filwaqt illi għandu jiġi ritenut illi x-xogħol mhux biss sar skont il-ftehim iżda fuq

kollox skont is-sengħa, l-ħila, l-arti u l-professjoni, tant illi ġie anke mfaħħar mill-istess atturi;

3. Din l-kawża saret sabiex l-atturi jattentaw jieħdu vantaġġ mill-espoennt li dejjem għamel xogħlu skont kif mifthiem magħhom;

4. L-ittra 1664 qatt ma ġiet innotifikata lill-esponent u dan stante illi l-indirizz hekk kif ċitat fiha mhuwiex dak tal-esponent;

5. Dato ma non concesso illi x-xogħlijiet saru skont kif eċċepit mir-rikorrenti, l-ammont pretiż huwa wieħed esaġerat u mingħajr bażi;

U għalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tal-atturi.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku minnha maħtur.

Ikkunsidrat:

L-atturi qabbdu lill-konvenut jaħdmilhom diversi biċċiet tal-għamara u aperturi għad-dar tagħhom Ħaż-Żabbar. Jallegaw xogħol ħażin. Tassew li hekk kien il-każ, kif ikkonstatat mill-Perit Rene` Fava, imqabbad ex parte mill-atturi. L-istess Perit ikkonkluda li kien diffiċli ħafna li x-xogħol jiġi rranġat anke minħabba d-diffikulta` li jinstab mastrudaxxa lest li jagħmel dan u l-problema tat-tqabbil tal-materjal.[1] Ir-rapport mhuwiex maħluf. B'danakollu l-Perit Alexei Pace, maħtur mill-Qorti wkoll ikkonferma li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti u d-diffikultajiet imsemmija mill-perit ex parte. Qal ukoll li l-istimi ppreżentati mill-atturi biex jinqala' x-xogħol il-qadim u jitpoġġa l-ġdid kienu raġonevoli.

Mid-dokumenti esibiti, jirriżulta li l-ispiża biex isir ix-xogħol rimedjali fuq indikat hija tassew dik ta' €20,850 kif indikat fir-rapport ex parte, u kif premess bħala l-ammont tad-danni minnhom sofferti minħabba x-xogħol ħażin

[1] Fol. 130.

f'paragrafu 4 tal-premessi tar-rapport maħluf. B'danakollu mbagħad talbu l-likwidazzjoni tad-danni. Qalu wkoll li ħallsu €1,000 depożitu għalkemm m'għandhomx riċevuta. Ma talbux rifużjoni tal-parti mħallsa tal-prezz. Il-Qorti ma tistax tmur *extra petita*.

Il-konvenut m'attendiex għas-seduta miżmuma mill-perit tekniku u lanqas ressaq provi.

Jirriżulta li l-atturi ppruvaw skont il-liġi l-fatti minnhom premessi.

**<u>Decide</u>**

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikajra xolt l-appalt mogħti mill-atturi lill-konvenut għal xogħol ta' mastrudaxxa fid-dar tagħhom, billi x-xogħol ma ġiex esegwit skont is-sengħa u l-arti.

3. Tilqa' t-tieni talba billi tordna lill-konvenut sabiex fi żmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza jieħu lura a spejjeż tiegħu x-xogħol ġja kansenjat lill-atturi u dana taħt is-superviżjoni tal-perit Alexei Pace a spejjeż tal-konvenut.

4. Tilqa' t-tielet talba billi fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu dan a spejjeż tal-konvenut.

5. Tilqa’ r-raba’ talba billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi, minħabba l-inadempjenza tiegħu.

6. Tilqa’ l-ħames talba fis-sens li tiddikjara li l-istess danni jammontaw għas-somma ta’ €20,850.

7. Tilqa’ s-sitt talba billi tordna lill-konvenut iħallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata rappreżentanti d-danni sofferti mill-atturi.

Bl-ispejjeż a kariku tal-konvenut inklużi dawk tal-ittra uffiċjali u mandati kawtelatorji u bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas effettiv.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA